**Fil-Qorti tal-Magistrati Malta**

**Bhal Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Nadine Lia**

**B.A., LL.M(Kent)., LL.D, Barrister at Law (England & Wales)**

**Illum l-1 ta' Dicembru 2020**

**Kaz Numru 371/2019**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Colin Sheldon)**

**Vs.**

**Vincent Schembri**

**Giuseppe Schembri**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-imputati

Lil Vincent Schembri ta' 70 sena, iben Joseph u Carmela xebba Degiorgio, imwieled Tarxien nhar it-28 ta' Frar 1948, residenti gewwa Qrendi Farmhouse, Triq Lapsi, Siggiewi u detentur tal-karta tal-identita bin-numru 270748M.

Lil Giuseppi Schembri ta' 36 sena, iben Vincent u Mary Anne xebba Gambin, imwieled Pieta' nhar it-23 ta' Marzu 1982, residenti gewwa Qrendi Farmhouse, Triq Lapsi, Siggiewi u detentur tal-karta tal-identita bin-numru 196382M.

Akkuzati talli nhar il-15 ta' Mejju 2018 u fil-granet u xhur ta' qabel din id-data, gewwa Qrendi Farmhouse, Triq Lapsi, Siggiewi u f'dawn il-gzejjer;

Ma identifikajtux u ma irregistrajtux annimali kif ukoll ma iddikjarajtux ic-caqlieq ta' annimali li kienu taht ir-responsabbilta' taghkhom u dan bi ksur ta' l-Artikolu 35(1)(c)(iii) tal-Kap 437 tal-Ligijiet ta' Malta.

Aktar talli l-annimali ghandhom ikunu evitati minn kull ecitament, ugiegh jew tbatija li jistghu jigu evitati matul il-moviment, tqeghid f'post ta' kenn, zamma b'forza, sturdament, tbiccir jew qatla u dan bi ksur ta' l-Artikolu 3 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 439.03 tal-Ligijiet ta' Malta.

Aktar talli hlief f'każ ta' emerġenza li viżibilment tfisser tbatija żejda u li tista' twassal għall-mewt, veterinarju biss jew persuna oħra kompetenti kif speċifikat f'regolamenti magħmulin taħt dan l-Att tista' toqtol annimal ta' razza domestikata jew li tappartjeni għal razza selvaġġa iżda li tkun

ġiet domestikata, minbarra annimali miżmuma għall-produzzjoni tal-ikel u dan bi ksur ta' l- Artikolu 13(1) tal-Kap 439 tal-Ligijiet ta' Malta.

Aktar talli fejn ikun meħtieġ li annimal jiġi maqtul, dan għandu jsir b'mod li jkun hemm l-inqas tbatija fiżika u mentali għall-annimal kif ikun xieraq fiċ-ċirkostanzi u dan bi ksur ta' l- Artikolu 13(2) tal-Kap 439 tal-Ligijiet ta' Malta.

Aktar talli hlief f'każ ta' emerġenza, il-metodu tal-qtil ta' annimali għandu jkun jew li jikkawża telf tas-sensi u mewt immedjatament jew li jibda' b'injezzjoni ta' anestesija ġenerali u profonda lill-annimal segwita b'dak il-pass li finalment jikkawża l-mewt u dan bi ksur ta' l- Artikolu 13(3)(a) u (b) tal-Kap 439 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba sabiex f'kaz ta' htija, flimkien mal-pieni, tordna li jithallsu l-ispejjes imgarrba ghat-trattament, rilokazzjoni u/jew konfiska ta' annimali minn kull post f'Malta, ir-revoka ta' kull permess mahrug ghall-operat ta' kull attivita' regolata taht l-att dwar it-trattament xieraq ta l-annimali u ghal spejjez ohra ragonevoli kif il-Qorti jidhrilha xieraq hekk kif stipulat fl-Art. 45(3) ta' Kap. 439 tal-Ligijiet ta' Malta

Rat li l-Avukat Generali ta l-kunsens tieghu bil-miktubsabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.[1]

[1] Folio 19 ta' l-atti processwali

Rat li matul l-ezami tal-imputat ai termini ta' l-artikolu 392(1) tal-Kodici Kriminali, l-imputati tennew li ma kienux hatja ta' l-imputazzjonijiet migjuba kontra taghhom.[2]

Rat illi l-Prosekuzzjoni ddikjarat illi ma kellhiex provi ohra xi tressaq nhar it-30 ta' Ottubru 2019.[3]

Rat illi d-Difiza ddikjarat illi lanqas hi ma kellha provi xi tressaq nhar it-3 ta' Settembru 2020.[4]

Rat id-dokumenti kollha pprezentati inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kawza odjerna tigi trattata bi procedura sommarja, hadet konjizzjoni tax-xhieda prodotti, u wara li fliet l-atti kollha tal-kawza u semghet lill-partijiet jitrattaw.

Rat li l-kawza thalliet ghall-lum ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat**

**Fatti fil-qosor tal-kaz**

Illi dan il-kaz imur lura ghal nhar il-15 ta' Mejju 2018 meta ufficjali tad-Dipartiment tas-Sahha Veterinarja ghamlu spezzjoni fuq ir-razzett ta' l-annimali u sabu li kien hemm diversi ksur ta' regolamenti fuq iz-zamma ta' l-annimali.

[2] Folio 67-68 ta' l-atti processwali
[3] Folio 65 ta' l-atti processwali
[4] Folio 88 ta' l-atti processwali

**Ikkunsidrat**

**Xhieda**

Il-Qorti ser taghmel issa riferenza ghax-xhieda li nstemghet viva voce u ghad-dokumenti saljenti gew prezentati tul il-mori tal-proceduri odjerni.

Fis-seduta tad-9 ta' Settembru 2019 xehed **Joseph Zammit**, principal fl-*Enforcement Unit* tas-Servizz Veterinarju li stqarr li huwa gie nfurmat mis-superjuri tieghu li kien dahal rapport anonimu kien qed isir bejgh, xiri u qtil t'annimali b'mod illegali f'diversi postijiet f'Malta u Ghawdex. Huwa kkoordina mal-pulizija sabiex isiru spezzjonijiet fuq il-postijiet indikati. Wahda mill-ispezzjonijiet, li saret fil-15 ta' Mejju 2018 kienet tikkoncerna r-razzett bin-numru ta' registrazzjoni D138 li jghajjat lill-imputat Joseph Schembri. Ix-xhud irrileva li sa ftit taz-zmien qabel, ir-razzett kien jghajjat lill-imputat l-iehor Vincent Schembri, cioe` missier Joseph Schembri, imma dawwar kollox fuq it-tifel meta ghalaq l-eta` tal-irtirar. Skont ix-xhud, ir-razzatt in kwistjoni huwa pjuttost kbir u jzomm ruminanti zghar bhal naghag u moghoz u anke` ruminanti kbar bhal baqar. Ix-xhud spjega li waqt l-ispezzjoni kien hemm prezenti kemm il-pulizija kif ukoll veterinarju. Fuq il-post kien hemm iz-zewg imputati. Ix-xhud u kollega iehor daru l-post kollu filwaqt li l-veterinarju Dr Sergio Fiore u n-nies tieghu hadu censiment tal- annimali li hemm biex jigi verifikat jekk hemmx qbil mas-sistema kompjuterizzata tar-registrazzjoni tal-annimali. F'kamra partikolari instabu ammont ta' glud, widnejn u imsaren ta' annimali maqtulin friski, li jindika li veru kien hemm qtil illegali ta' annimali. Kien hemm ukoll il-prezenza ta' gancijiet. Ix-xhud irrimarka li

l-imputati kien kooperattivi hafna u Vincent Schembri kien qal li jekk xi nuqqasijiet fejn jidhlu l-annimali zghar, huwa responsabbli hu u mhux it-tifel. Kien sar rapport fuq is-sejbiet tal-investigazzjoni li eventwalment wassal ghall-proceduri odjerni.

Fis-seduta tad-19 ta' Settembru 2019 xehed **il-veterinarju Dr Sergio Fiore** li kkonferma li huwa kien involut fi spezzjoni li saret fil-15 ta Mejju 2018 fir-razzett tal-imputat Joseph Schembri. Minn naha tieghu, ix-xhud ikkoordina c-censiment tal-annimali tar-razzett. Skont informazzjoni ufficjali, suppost fir-razzett kien hemm total ta' 310 ras li jinkludu *bovine, caprine* u *ovine*. Instab li aktar minn dawk li suppost instabu, aktar minn 103 kienu nieqsin. Mill-banda l-ohra, instabu ghadd ta' annimali, circa 27 bejn naghag u moghoz, li mhux suppost kienu hemm. Kien hemm ukoll ghadd ta' annimali bic-comba tal-widnejn tindika li mhux registrati fuq ir-razzett tal-imputat Joseph Schembri. Skont ix-xhud, dawn probabbilment kienu hemm minghajr awtorizzazzjoni. L-informazzjoni kollha migbura tinsab kompilata f'rapport.

Fl-istess seduta xehed ukoll **Ruben Montebello**, eks-*Principal Veterinary Support Officer* mas-Servizzi Veterinarji. Huwa kkonferma li assista fi spezzjoni li saret nhar il-15 ta' Mejju 2018 fir-razzett tal-imputat Joseph Schembri fis-Siggiewi u dan wara li kien dahal rapport anonimu fuq diversi nuqqasijiet li kienu qed isiru, inkluz qtil illegali gewwa dan ir-razzett. Waqt l-ispezzjoni, l-imputati kkooperaw mal-ufficjali prezenti. F'kamra partikolari instab li kien hemm xi glud u interjuri tal-annimali li

jindika li kien hemm qatla ricenti. Meta mistoqsi dwar dawn, l-imputat Vincent Schmebri ammetta li kien qatel xi annimali u meta mistoqsi dwar il-laham, huwa wiegeb li dan kien "telaq". F'dak il-mument it-tifel Joseph Schembri kien stqarr li huwa kellu x'jaqsam mal-baqar biss u l-missier ammetta li huwa biss kellu x'jaqsam mal-qtil ta' annimali zghar.

Fl-istess seduta xehed ukoll **Dr Jurgen Galea** li spjega li nhar il-15 ta' Mejju 2018 wara nofsinhar kien gie kkuntattjat minn wiehed mill-kollegi tieghu sabiex imur jassisti fi spezzjoni li kienet inbdiet minn filghodu. Hekk kif wasal fuq il-post, mar go kamra fir-razzett fejn kien hemm ammont ta' *offal*, glud u anke` widnejn tan-naghag. Bhala ufficjal tas-*Safety of the Food Chain Section*, ix-xhud ha l-inkarigu tal-gabra u eventwali incinerazzjoni ta' dawn l-affarijiet.

Fis-seduta tat-30 t'Ottubru 2019 xehed **PS 1030 Clint Theuma**, stazzjonat fis-sezzjoni ALE li kkonferma li nhar il-15 ta' Mejju 2018 assista lil ufficjali tas-Servizzi Veterinarji waqt spezzjoni gewwa razzett bl-isem ta' "Qrendi Farm" fis-Siggiewi. Stqarr li waqt l-ispezzjoni kienet instabet kamra li kien fiha xi partijiet ta' animal maqtulin. L-ufficjali tas-Servizzi Veterinarji kienu gieghlu lill-imputat inaddaf u dan ikkoopera.

Fl-istess seduta xehed ukoll **RPC 3016 Joseph Sciberras**, stazzjonat fis-sezzjoni tal-Kavallerija, li kkonferma li nhar il-15 ta' Mejju 2018 huwa kien assista lil ufficjali tas-servizzi veterinarji waqt spezzjoni fir-razzett tal-

imputati. Hemm kienu nstabu xi fdalijiet tal-annimali li x'aktarx kienu moghoz. Mitlub jispjega kif kien il-komportament tal-imputati, ix-xhud spjega li dawn kienu kwieti u sahansitra f'hin minnhom Joseph Schembri beda jibki. In kontro-ezami, ix-xhud eskluda li kien ra lill-imputati jnaddfu x'imkien fir-razzett.

Fis-seduta tat-3 ta' Settembru 2020 xehdet l-ufficjal tal-*probation* **Sarah Bezzina** li pprezentat is-*Social Inquiry Report* relattiv ghall-imputat Joseph Schembri. Hija spjegat li ma kienet sabet xejn avvers fir-rigward ta' Schembri fis-sens li jidher li kien imrobbi tajjeb, ghandu fedina penali netta, m'ghandux vizzji u dejjem kien jahdem bhala *self-employed* fir-razzett tal-familja.

Fl-istess seduta xehdet ukoll l-ufficjal tal-*probation* **Sharlet Fabri** li ppreznetat is-*Social Inquiry Report* relattiv ghall-imputat Vincent Schembri. Hija spjegat li dan jghix hajja relattivament semplici u huwa missier u nannu. Ma ssenjalat xejn li huwa ta' inkwiet partikolari minhabba li l-kazijiet kriminali li kellu kienu kollha relatati max-xoghol u xejn aktar.

**Ikkunsidrat**

**Provi mressqin**

Illi mix-xhieda ta' Joseph Zammit[5] li ghamel spezzjoni fuq il-post in kwistjoni irrizulta d-dipartiment tieghu tas-Servizz Veterinarju kien ircieva ittra anonima fejn kien sar referenza li hemm ammont ta' rziezet f'Malta u Ghawdex fejn kien qed issir xiri u bejgh ta' annimali illegali biex imbaghad jinqatlu illegalment. Il-post minn fejn kienu qed joriginaw l-annimali kienet ir-razzett ta' l-imputati. Vincent Schembri li jigi missier Giuseppe Schembri huwa l-persuna registrata li ghandu r-razzett f'ismu. Madankollu irrizulta li kien ghadda n-negozju lil ibnu u kien irtira. Meta marru fuq il-post in kwistjoni sabu liz-zewg imputati fuq ir-razzett.

Mill-ispezzjoni li saret sabu *"ammont ta' glud ta' annimali mejtin friski, li jindika li veru kien hemm qtil illegali ta' annimali."*[6]

Skond ix-xhud, l-imputat Vincent Schembri:

*"It-tnejn li huma kkoperaw hafna maghna u Vincent qalli isma dak li ghandu x'jaqsam hazin mal-annimali z-zghar, man-naghag u l-moghoz huwa responsabbilta tieghi, mhux responsabbilta tat-tifel. Ghidtlu imma ahna r-registrazzjoni nafu lit-tifel, speci mhux lilek, lilek ma nafukx, imma peress li hu ha r-responsabilta' taghhom b'hekk tellajnihom il-Qorti hawn."*[7]

Illi mir-rapport esebit irrizulta li

*"on seeing that we got to know about this room, his son Joseph Schembri immediately came near us and with an agitated attitude he began shouting with his father telling him that it is his father's entire fault because he has been telling him to stop doing this for a very long time. Joseph Schembri stressed with us that he was only responsible for bovines on the farm, and anything related to small*

[5] Folio 25-28 ta' l-atti processwali
[6] Folio 27 ta' l-atti processwali
[7] Folio 27 ta' l-atti processwali

*ruminants is his father's responsibility. His father Vince immediately agreed with this statement and stressed with us that this is all his fault and his son has nothing to do with this activity."*[8]

Madankollu mil-istess rapport jirrizulta li r-razzett kien registrat fuq l-imputat Vincent Schembri sat-2 ta' Novembru 2011 u li sussegwentement kien registrat dejjem fuq ibnu Giuseppe Schembri.[9]

Konsegwentement id-Dipartiment sabu numru ta' annimali zejda fuq ir-razzett li mhux suppost kienu hemm kif ukoll numru ta' annimali ohra neqsin li suppost kienu hemm u ma sabuhomx. Bhala parti mill-operat tad-Dipartiment organizzaw sabiex kien hemm it-tnehhija ta' msaren u glud li sabu fuq ir-razzett sabiex jigu distrutti.

Mir-rapport[10] esebit mix-xhud irrizulta li kien hemm *"clear signs of recent slaughter because in a corner we found a small heap of sheep skins, intestines and other eviscera. Mr Vince Schembri immediately admitted that he slaughtered some animals the day before, 5 or 6 in number, and when asked where is the meat of those animals he told us 'it is gone'. "*[11] Illi fl-istess rapport jinstabu ritratti li jikkorboraw dan is-stat ta' fatt.[12]

Bhala konkluzjoni tar-rapport jinghad illi:

*"Illegal slaughter was found evidence on farm. A particular report is drafted for the case.*

*Other illegality found:*

---

[8] Folio 32 ta' l-atti processwali

[9] Folio 34 ta' l-atti processwali

[10] Dok JZ1, Folio 29-51 ta' l-atti processwali

[11] Folio 29 ta' l-atti processwali

[12] Folio 31 u 32 ta' l-atti processwali

*-The farmer failed to tag 38 small ruminants within the 6 months period allowed.*

*- The farmer introduced 16 animals on his premises from other farms without authorisation.*

*- 100 small ruminants and 3 bovines are missing."*[13]

Mix-xhieda ta' Dr. Sergio Fiore[14] irrizulta illi fid-data taghhom kellhom *"registrati three hundred and ten annimali, bovini, caprine u ovine, minn dawk three hundred and ten iktar minn mija u tlieta kienu missing, mhux hemm f'din il-gurnata. L-identifikazzjoni ta' dawn l-annimali ma nsibux fil-post. Fl-istess hin, ezattament kienu tlieta bovini, u mija bejn naghag u moghoz mhux hemm. Fl-istess hin insibu annimali suppost mhux hemm, kienu annimali bla identifikazzjoni immar parti minn dawn l-annimali missing li kienu ntilfu mill-identifikazzjoni. Ma kienet twenty seven bejn naghag u moghoz, jigifieri mhux, anke jekk parti minn dan l-annimali missing, dawk l-identifikazzjoni xorta ghandna diskrepanza kbira fuq it-total ta' annimali, imbaghad insibu annimali identifikati bin-numru tac-comba fil-widnejn mhux registrati fir-razzett ta' Joseph Schembri, dawk l-annimali probabilment kienu hemm minghajr awtorizzazzjoni."*[15]

Illi din ix-xhieda giet ikkoroborata minn dik ta' Ruben Montebello[16], Dr. Jurgen Galea[17], PS 1030 Clint Theuma[18] u RPC 3016 Joseph Sciberras[19] li ikkonfermaw dawn il-fatti li saru fil-presenza taghhom.

**Ikkunsidrat**

---

[13] Folio 36 ta' l-atti processwali
[14] Folio 52-54 ta' l-atti processwali
[15] Folio 52-53 ta' l-atti processwali
[16] Folio 55-57 ta' l-atti processwali
[17] Folio 58-59 ta' l-atti processwali
[18] Folio 69-71 ta' l-atti processwali
[19] Folio 72-76 ta' l-atti processwali

Illi fir-rigward tal-ewwel imputazzjoni, il-Qorti tinnota, li l-element mehtieg taht l-artikolu 35 (1) tal-Kap. 437 tal-Ligijiet ta' Malta hija li l-akkuzat ikun sid jew imqar "*detentur*" ta' annimali hajjin u konsegwentement dik il-persuna tkun obbligata li tosserva kull obbligazzjoni imposta taht l-istess Att li ghandha x'taqsam ma' mard li jittiehed. B'mod specifiku, taht il-paragrafu (c) (iii) tal-artikolu 35 (1) tal-istess Att, dik il-persuna hija obbligata tidentifika u tirregistra l-annimali u tiddikjara c-caqlieq ta' annimali li jkunu taht ir-responsabbilita' taghha.

F'dan il-kaz, minkejja li Vincent Schembri ma baqax il-persuna li lilu jghajjat ir-razzet sa mill-2011, effettivament jirrizulta li hu u ibnu l-imputat l-iehor Giuseppe Schembri, it-tnejn zammew ir-razzett u l-annimali ta' go fih f'idejhom, minkejja li, skond kif gie rapportat, jaqsmu certu responsabbilitajiet. Jidher fil-fatt, li z-zewg imputati jiddetjenu u huma responsabbli ghall-annimali ta' gor-razzett.

Ghalhekk, peress li jirrizulta b'mod mhux kontestat li dak li jitlob il-paragrafu (c) (iii) tal—artikolu 35 (1) tal-Kap. 437 tal-Ligijiet ta' Malta ma giex osservat u konsegwentement tapplika l-piena skond l-artikolu 35 (2) tal-istess Kap. 437.

Fir-rigward tat-tieni imputazzjoni, din il-Qorti tara li r-Regolamenti 439.03 huma applikabbli ghall-"*moviment, kenn maghluq, zamm, sturdament, <u>qtil ta' annimali mrobblija u mizmuma ghall-produzzjoni ta' laham, glud, fur jew prodotti ohra u ghall-metodi ta' qtil ta' annimali ghall-iskop ta' kontroll tal-mard</u>*" (Regolament 1 (2) tal-L.S. 439.03).

Il-kelma "*qatla*" imbaghad hija mfissra bhala "*kull process li jikkawza l-mewt ta' annomal*". Ghall-finijiet ta' kompletezza, din il-Qorti tara li l-kelma

"*qtil*" u l-kelma "*qatla*", fit-test bil-lingwa Ingliza huma t-tnejn li huma miktuba bil-kelma "*killing*" minghajr distinzjoni.

Il-Qorti tara wkoll li l-qatla f'postijiet barra minn bicceriji debitament registrati bhala tali, hekk kif inhu r-razzett tal-imputati, xorta wahda ghandhom isegwu r-regolament 3 tal-istess L.S. 439.03 hekk kif riferut fir-regolament 9, ir-regolament 5, u l-Iskedi B, C u D.

Peress li jirrizulta lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni li fir-razzett li tieghu z-zewg imputati ghandhom il-kontroll jew imqar detenzjoni, hekk kif ghandhom it-tnejn li huma tal-annimali ta' go fih, kien qed isir qtil ta' annimali, ghalhekk japplika b'konsegwenza r-regolament 3 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 439.03 (li timplementa d-Direttiva tal-Kunsill ta' l-Unijoni Ewropea 93/119/KEE). Il-ksur ta' dan ir-regolament necessarjament igib mieghu l-konsegwenzi tar-regolament 16 tal-istess Legislazzjoni Sussidjarja.

Dwar it-tielet imputazzjoni, peress li l-imputati ma giebu ebda prova li kien hemm xi kaz ta' emergenza li vizibbilment setghet tfisser tbatija zejda u li tista' twassal ghall-mewt ta' xi annimali, u effettivament jirrizulta li gew maqtula xi annimali fir-razzett, din l-imputazzjoni wkoll tirrizulta u ghalhekk japplika d-dispost tal-artikolu 45 (1) (a) tal-Att dwar it-Trattament Xieraq tal-Annimali.

Anke fir-rigward tar-raba' u l-hames imputazzjonijiet, din il-Qorti tqis li dawn jirrizultaw, peress li bl-ebda mod ma giet kontradetta n-nuqqas ta' 'htiega' ghall-qatla u lanqas ma gie kontradett li l-qtil kien qed isir b'mod illegali u kontra l-ligijiet applikabbli.

Illi l-Qorti ghalhekk wara li ezaminat il-provi mressqin mill-prosekuzzjoni tqis li l-prosekuzzjoni irnexxilha tipprova l-kaz taghha sal-grad rikjest mill-ligi u sejra tghaddi sabiex issib lill-imputati hatja ta' l-imputazzjonijiet kollha dedotta kontrihom.

**Ikkunsidrat**

**Piena**

Illi ghal-finijiet ta' piena li ghandha tigi erogata mill-Qorti, il-Qorti qieset, b'zieda mac-cirkostanzi kollha tal-kaz is-segwenti fatturi:

- Il-prosekuzzjoni esebit il-fedina penali taz-zewg imputati.[20]

  Illi filwaqt li l-fedina penali ta' Giuseppe Schembri hija netta, il-Qorti tara li l-fedina penali ta' Vincent Schembri tmur lura sas-sena 1967, u filwaqt li fil-maggoranza taghha m'hemm xejn alaramanti, jirrizultaw diversi reati fir-rigward taz-zamma ta' annimali.

- L-imputati ikkooperaw tul l-ispezzjoni li saret.

- Id-difiza fl-udejenza tal-24 ta' Frar 2020[21] kienet talbet li jigi mhejji *Social inquiry report* u f'dan ir-rigward kienet sussegwentement xehedet l-ufficjal tal-probation Sarah Bezzina fir-rigward ta' l-imputat Giuseppe Schembri u l-ufficjal tal-probation Sharlot Fabri fir-rigward ta' Vincent Schembri.

  Mir-rapport ta' l-imputat Giuseppe Schembri ma jirrizulta xejn allarmanti fil-hajja personali tieghu u jirrizulta li huwa persuna

[20] Folio 4-18 ta' l-atti processwali
[21] Folio 78 ta' l-atti processwali

stabbli li dejjem hadem fir-razzett u ha hsieb l-bzonnijiet kollha taghha.

Mir-rapport ta' l-imputat Vincent Schembr wkoll ma jirrizulta xejn allarmanti fil-hajja personali tieghu izda jirrizulta li l-fedina penali tieghu hija kkaratterizzata minn hamsa u erbghin kaz, li fil-maggoranza taghhom huma relatati ma ksur ta' ligi fejn jidhlu l-bhejjem u l-prodotti taghhom.

- Illi l-imputati qatt ma urew ebda rimors ta' ghemilhom u minkejja li sostnu kemm ghandhom passjoni ghal xogholhom huwa difficli li dan jigi emmnut maghdud mal-fatt li l-annimali fil-kustodja taghhom kienu qeghdin jinqatlu illegalment u ibaghtu l-mohqrija u maltrattament.
- Minn l-istess rapport ta' l-ufficjali tas-Servizzi Veterinarji jirrizulta li kien hemm illegalitajiet fir-rigward ta' madwar mija, seba' u hamsin (157) annimal.
- Illi dan huwa apparti l-qtil illegali ta' l-annimali li kien sehh u ghalhekk qed jittiehed in konsiderazzjoni n-numru konsiderevoli ta' annimali li kienu qed isofru u soffrew maltrattament jew trattament illegali skond il-ligi.
- Illi dawn il-illegalitajiet twettqu fuq medda ta' zmien u ma kienux dovuti ghal xi att izolat. Ghalhekk issib applikazzjoni tal-artikolu 18 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.
- Ittiehdet in konsiderazzjoni l-fatt li l-imputati kienu hajjithom kollha jiehdu hsieb dan ir-razzett u ghalhekk kienu jafu li kien qed

issir il-maltrattament ta' l-annimali jew trattament illegali bl-agir taghhom u kien b'rizultat ta' ittra anonima li wasslet ghall-intervent tas-Servizzi Veterinarji u li issa waqqfet dan l-abbuz.

- Fir-rigward ta' l-imputazzjonijiet japplika l-principju tal-konkors formali ta' reati, fejn fil-kaz in dezamina l-piena tkun l-istess wahda kif ravvizata bl-artikolu 45(1)(a) tal-Att dwar it-Trattament Xieraq tal-Annimali, Kapitolu 439 tal-Ligijiet ta' Malta. Hi din il-piena l-aktar gravi u dan jinghad ghall-finijiet ta' dak li jipprovdi l-artikolu 17(b) tal-Kodici Kriminali. Illi l-piena fiz-zmien meta twettqu dawn ir-reati fir-rigward tat-tielet, r-raba' u l-hames imputazzjonijiet kienet, skond l-Att XXXV tal-2014 kif ser jinghad: *"(a) meta tinstab ħatja għall-ewwel darba, multa ta' mhux anqas minn elf euro (€1,000), iżda mhux iżjed minn ħamsa u ħamsin elf euro (€55,000), jew priġunerija għal żmien mhux iżjed minn tliet snin, jew dik il-multa u priġunerija flimkien"*

**Decide**

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-artikoli 35(1)(c)(iii) tal-Kapitolu 437 tal-Ligijiet ta' Malta, Regolament 3 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 439.03 tal-Ligijiet ta' Malta, l-artikoli 13(1), 13(2), 13(3)(a) u (b) u 45(3) tal-Kapitolu 439 tal-Ligijiet ta' Malta u l-artikoli 17, 18 u 31 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ssib lil Giuseppe Schembri u Vincenti Schembri **hatja** ta' l-imputazzjonijiet kollha dedotti kontrihom u tikkundannahom kull wiehed minnhom ghal **sentejn prigunerija** li bl-applikazzjoni tal-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed jigu sospizi ghal erba' (4) snin

millum u **multa <u>kull wiehed minnhom</u> ta' tletin elf Ewro (€30,000)** pagabbli fi zmien massimu ta' tlett snin millum.

Il-Qorti spjegat lill-hatja l-konsegwenzi jekk jikkommettu reat iehor waqt il-perjodu operattiv ta' din is-sentenza.

Tordna li l-annimali kollha li jissemmew fir-rapport tas-Servizzi Veterinarji u li dwarhom gew indikati illegalitajiet li taghhom gew misjuba hatja l-akkuzati[22] jghaddu immedjatament taht il-kustodja tal-istess Dipartiment. Dan id-Dipartiment qed jigi awtorizzat, f'kaz li jigi deciz minnu li tali annimali ma jistghux jinzammu minnu, li permezz ta' talba maghmula appozitament jitlob lill-Qorti tawtorizzah sabiex l-annimali kkoncernati jew xi wiehed minnhom jghaddu fl-affidament ta' terzi.

Il-Qorti wara li rat l-artikolu 16(2) tal-Legislazzjoni Sussidjarja 439.03 tal-Ligijiet ta' Malta tordna r-revoka ta' kwalunkwe permess mahrug taht dawn ir-regolamenti u l-konfiska, zamma u tnehhija tal-*corpus delicti.*

Fil-konfront ta' l-ispejjez maghmula mid-Dipartiment ghas-Servizzi Veterinarji bhala rizulta ta' dan ir-reat, din il-Qorti giet prekluza milli tapplika d-disposizzjonijiet tal-Artikolu 45(3) tal-Att dwar it-Trattament Xieraq tal-Annimali, Kapitolu 439 tal-Ligijiet ta' Malta u ta' l-artikolu 16(2) tal-Legislazzjoni Sussidjarja 439.03 tal-Ligijiet ta' Malta peress li tali spejjez baqghu ma gewx ikkonfermati bil-gurament mid-dipartiment ikkoncernat u lanqas ma gew ikkwantifikati fl-intjier taghhom.

[22] Dok JZ1, Folios 29-51 ta' l-atti processwali

**Moghtija illum nhar l-1 ta' Dicembru 2020 fil-Qrati tal-Gustizzja, Valletta**

**Dr. Nadine Lia**
**Magistrat**

**Lorianne Spiteri**
**Deputat Registratur**